# Ħal Għargħur Il-Kappelli li nsibu f'dan ir-raħal pittoresk

Kitba ta' Joe Chetcuti
Preżentatur tal-Programm 'Marċi u Bandalori' fuq Radio 101



Wieħed mill-iktar rħula pittoreski li nsibu f'pajjiżna hu dak ta' Ħal Għargħur, li ta' kull sena lejn l-aħħar t'Awwissu jiċċelebra l-festa tal-patrun tiegħu San Bartilmew Appostlu.
Dan ir-raħal jidher li għandu oriġini antiki ferm imma sal-1598 kien għadu jagħmel mal-parroċċa tan-Naxxar. Imma minkejja li l-Isqof ta' dak iż-żmien waqqaf din il-parroċċa fl-1598, minħabba l-oppożizzjoni qawwija tal-Kappillan tan-Naxxar, Dun Ġiljan Borg, il-parroċċa saret effettiva wara l-mewt tiegħu fl-1610. Fil-fatt l-Isqof Gargallo fis-6 ta' Lulju tal-1610 waqqaf il-parroċċa u Dun Gwann Chetcuti sar l-ewwel kappillan ta' Ħal Għargħur.
L-ewwel knisja parrokkjali kienet dik ta' San Ġwann il-Battista imma wara li n-numru ta' residenti beda jikber inħasset il-ħtieġa li tinbena knisja parrokkjali ikbar. Il-knisja parrokkjali l-ġdida x'aktarx li bdiet tinbena fis-sena 1612 fuq id-disinn tal-arkitett magħruf Tumas Dingli, li ppjanta wkoll il-knejjes parrokkjali ta' H'Attard, tan-Naxxar, Ħaż Żabbar, Ħaż Żebbuġ, tal-Gudja u Ħal Luqa.
F'din il-knisja insibu l-istatwa ta' San Bartilmew li kienet ġiet skolpita fl-injam minn Melchiore Gafa f'Ruma fl-1666 u tlestiet minn Francesco Zahra u nġiebet Ħal Għargħur fl-1722. Din l-istatwa li waħda mill-isbaħ li insibu f'pajjiżna.
F'Ħal Għargħur apparti l-Knisja parrokkjali ta' San Bartilmew insibu wkoll diversi knejjes u kappelli. F'dan l-artiklu ser ngħidu xi ħaga zgħira fuqhom:

**Il-Knisja ta' San Ġwann Battista**



Jingħad li din il-knisja nbniet bejn l-1223 u l-1225 meta grupp ta' nies minn Ċelano li kienu rribellaw kontra l-ħakma tar-Re Federiku II ġew eżiljati u ħafna minnhom ġew Malta. Huma bnew din il-knisja minħabba d-devozzjoni kbira li kellhom lejn dan il-qaddis. Monsinjur Pietru Dusina fiż-żjara tiegħu lil din il-knisja fl-1575 kien sabha nieqsa minn kollox, inkluż rettur, imma jsemmi li l-Kappillan tan-Naxxar fil-festa ta' San Ġwann kien jagħmel quddiesa u għasar. Il-knisja kienet ġiet ipprofanata mill-Isqof Molina fl-1659 għax kienet tinsab fi stat ħażin ħafna. Imma l-istess Isqof fiż-żjara tiegħu tal-1680 sab li kienet ittellgħet knisja sabiħa minflok l-oħra u kienet fi stat avvanzat li titlesta. Meta kienet qed tinbena l-Knisja Parrokkjali, għal xi snin bejn l-1612 u l-1638, serviet bħala l-knisja parrokkjali. Maġenb din il-knisja nsibu ċimiterju fejn fih kienu wkoll ġew midfuna l-vittmi tal-pesta tal-1591.

**Il-Knisja tal-Madonna taż-Żellieqa**

Din il-knisja nbniet fl-1560 bħala tkomplija ta' wegħda wara li xebba kienet qalet li dehritilha l-Madonna u fejqitha mill-marda li kellha.
Skont it-tradizzjoni teżisti leġġenda marbuta ma' din il-Knisja. Din il-leġġenda tgħid hekk: Kienet waħda mill-ġranet tas-sena 1560, meta skont il-kitba u t-tradizzjoni, il-Madonna dehret lil waħda xebba raħlija, fil-post fejn hemm din il-kappella, u fejqitha mill-marda qalila li kellha. Din ix-xebba bħala ringrazzjament lill-Madonna bniet din il-knisja u ddedikata lit-tlugħ glorjuż fis-sema tal-Verġni Imbierka, jew kif nafuha aħjar aħna l-Maltin, "Santa Marija".



Dan ukoll qalu Mons. Pietru Dusina fir-rapport tiegħu tal-viżta pastorali li saret fil-Għargħur fl-1575. Dusina kiteb li din ix-xebba kienet għada ħajja, meta għamel il-viżta Pastorali, imma ma semmiex isimha jew id-data preċiża ta' l-apparizzjoni.
Id-devozzjoni tal-Maltin lejn din il-knisja kienet kbira ħafna u kienu jżuruha ħafna pellegrini. Għal din ir-raġuni l-knisja ġiet mkabbra fl-1650 fuq pjanta tal-arkitett Tumas Dingli. Fil-kitba tiegħu tal-1772 Abela Ciantar isemmi d-devozzjoni lejn dan it-tempju Marjan u jgħid li nies minn Malta kollha kienu jikkonkorru lejha. F'din il-knisja sabiħa nsibu diversi kwadri fosthom it-titular li juri l-Assunzjoni ta' Marija, xogħol ta' Rokku Buhagiar. Naraw ukoll kwadru ta' Emvin Cremona li juri l-ġrajja tax-xebba meta dehritilha l-Madonna skond it-tradizzjoni. Il-knisja għandha prospettiva dekorata ta' stil barokk mill-isbaħ.

**Il-Kappella ta' San Nikola**



Meta Mons. Pietru Dusina kien żar lil din il-kappella fl-1575 kien sabha fi stat t'abbandun għalhekk kienet ġiet ipprofanata. Il-knisja kienet reġgħet ġiet mibnija malajr għax l-Isqof Cagliares fl-1615 kien sabha fi stat tajjeb. Dan jiġi kkonfermat fiż-żjajjar tal-Isqfijiet Pontremoli fl-1634 u Molina fl-1656 rispettivament. L-Isqof Pontremoli fl-atti taż-żjara tiegħu tal-1634, isemmi li quddiemha kien hemm ċimiterju żgħir. F'din il-knisja nsibu kwadru sabiħ tal-qaddis xogħol ta' Gaspare Formica. Dan sar f'nofs is-seklu sbatax u kien ġie irrestawrat fis-seklu sbatax. Għal xi żmien din il-kappella kienet tintuża biex fiha jinżammu l-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira, imma minn xi snin ilu saret kappella sagramentali.

**Il-Kappella ta' Santa Marija ta' Bernarda**



Jidher li din il-kappella għandha oriġini antiki ħafna u skond Ferris l-ewwel ma' nbniet kien fis-seklu ħmistax. Il-knisja ħadet dan l-isem minħabba li fl-1571 ċerta.
Bernarda Cauchi ħalliet legat biex imur għal manutenzjoni tagħha. Dan jissemma fl-atti taż-żjara ta' Mons. Dusina tal-1575. Matul is-sekli din il-kappella kellha żewġ familji ta' benefatturi kbar; il-familja ta' Damian u Bernarada Cauchi fis-seklu sittax u xi snin tas-sbatax u wara kienet għaddiet lil Luca u Dumink Mifsud. Fil-fatt fis-sena 1655 Luca Mifsud kien reġa' bena l-kappella mill-ġdid. Interessanti hija li fis-sena 1720 Dun Ġwann Mifsud kien waqqaf festa ta' San Kosma u San Damjan, li mietu martri fost l-ewwel insara.
Il-kwadru titulari tal-Knisja hu nteressanti ħafna ukoll għax barra li fih naraw lill-Madonna mtellgħa s-sema mdawwra bl-anġli u ħdax-il Appostlu jdawru l-qabar tagħha. Fil-kwadru hemm ukoll il-figuri tal-qaddisin San Kosma u San Damjan, wieħed fuq kull naħa tal-Madonna.Ġol-knisja (konna – għax issa tneħħa għar-restawr) nsibu wkoll pittura tal-Kunċizzjoni iffirmata minn Filippo Dingli, ħu l-perit Tumas Dingli li bena l-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għargħur.
L-aħħarfunzjonimportantilisaretf'dinil-knisjakienetfid-19ta'Ottubru, 1941. Dak in-nhar l-Isqof Mikiel Gonzi, li dak iż-żmien kien għadu Isqof t'Għawdex, wara li ta qima lir-relikwi qaddisa, mexxa purċissjoni minn din il-knisja għall-knisja parrokkjali fejn ikkonsagra l-ħames altari tal-knisja ta' San Bartilmew. Wara li l-knisja għamlet xi snin tintuża biex fiha jintrefa' xi armar tal-festa, għal ħafna snin din spiċċat ma tintużax u mitluqa għal kollox. Dan l-aħħar tneħħa l-kwadru li kien hemm fuq in-naħa tax-xellug (dak tal-Kunċizzjoni ta' Filippo Dingli) u dan issa qed jiġi rrestawrat. Bħalissa qed isir xi xogħol ta' restawr fil-kappella. Wieħed jittama li dan ix-xogħol jitkompla u l-kappella terġa' tingħata s-sura ta' meta kienet fl-aqwa tagħha snin ilu.

Għal iktar informazzjoni fuq kappelli u knejjes żgħar żur is-sit www.kappellimaltin.com.

**Referenzi**

Il-Gargur – In-Nies u l-Knejjes tiegħu ta' Francis Pace

Ritratti – Caroline Busuttil